MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2006

Appell Kriminali Numru. 46/2006

**Il-Pulizija**
**Vs**

**George Barbaro Sant**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali, talli fil-31 ta’ Lulju, 2002, fil-kwalita’ tieghu ta’ direttur ta’ Alberta Fire Fighting & Security Equipment Co. Ltd (C6606), ta’ 377 Fleur de Lys Road, B’Kara, meta hu temm il-kuntratt definit ta’ l-ex impjegat Stefan Carbonaro, liema kuntratt kellu jiskadi fil-31 ta’ Lulju 2003, naqas li jikkumpensah ghal dan il-ksur tal-kuntratt fl-ammont ta’ LM2530.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-15 ta’ Frar, 2006, li biha, wara li rat l-Artikoli 34(12) u 41(31) (Sic!), sabet lill-appellant

hati w ikkundannatu jhallas is-somma ta’ elfejn hames mija w tletin lira Maltin (LM2530) fi zmien sitt xhur lill-ex impjegat tieghu Stefan Carbonaro w ikkundannatu jhallas hames liri Maltin (LM5) multa.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-27 ta’ Frar, 2006, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata billi ssib lill-appellant mhux hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu w tilliberah minn kull htija w imputazzjoni kontra tieghu.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, jikkonsistu fis-segwenti w cioe’:- li l-art. 28 tal-Kap.266 jipprovdi ghall-gurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal Industriali f’ kawzi dwar tkeccija ngusta ta’ haddiem u r-rimedju ta’ haddiem hekk imkecci ghall-ksur tad-dritt tieghu ikun biss billi l-ilment tieghu jintbaghat lit-Tribunal Industriali w mhux xort’ ohra. Ghalhekk il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali ma kienetx il-Qorti kompetenti sabiex tiddeciedi jekk Carbonaro tkecciex ingustament jew le, kif fil-fatt ghamlet u fuq bazi ta’ liema determinazzjoni, sabet lill-appellant hati tal-akkuza migjuba kontrieh. Fit-tieni lok l-appellant, li kien jokkupa l-kariga ta’ direttur tal-kumpanija Alberta Fire Fighting & Security Equipment Ltd., ma kienx involut fit-tkeccija tal-ex-impjegat tas-socjeta’ stante li dan il-kompitu kien delegat lil terzi. Hu ma jkollu ebda sehem fl-ingagg u fit-tkeccija tal-impjegati. Dan kien il-kompitu ta’ Liz Caruana, li xehdet fit-tul f’ ‘ dan il-kaz, u ghalhekk l-osservazzjoni tal-Ewwel Qorti : *“li jekk haddiehor ha decizjoni biex itemm l-impieg, id-difiza messha tellghetu jixhed”*, ma kienetx korretta. Din xehdet li Carbonaro kien inghata tlitt *warnings* u hu kien jaf li ma kienx qed jaqdi dmiru kif mistenni. Gew esebiti tnejn minn dawn il-*warnings.* Li ghalhekk, ai termini tal-Art. 42 tal-Kap. 35, l-appellant qatt ma seta’ jinstab hati ta’ l-akkuza migjuba kontrieh stante illi r-reat ma sarx bit-taghrif tieghu w giet ezercitata d-diligenza kollha xierqa tieghu biex jimpedixxi l-eghmil tar-reat.**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi l-ewwel aggravju jirrigwarda n-nuqqas ta' gurisdizzjoni tal-Ewwel Qorti biex tisma' dan il-kaz. Illi fil-kors tat-trattazzjoni, w anki fir-rikors tal-appell issemmew diversi ligijiet li setghu kienu applikabbli ghall-kaz u partikolarment il-Kap. 135 u l-Kap.452 tal-ligijiet ta' Malta. Illi pero' meta din il-Qorti marret fuq is-sentenza appellata biex tara liema ligi giet applikata, ltaqghet ma diffikulta' ghaliex, ghalkemm fis-sentenza l-Ewwel Qorti qalet li rat zewg artikolu u cioe' l-art. 34 (12) u 41 (31), ma qalitx ta' liema Kapitolu tal-Ligi  huma dawn l-artikoli.**

**Ikkonsidrat;**

Li skond l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tal-Magistrati, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena w <u>ssemmi l-artikolu tal-Kodici Kriminali jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat;</u>

**Illi skond gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti n-nuqqas li jigi rispettat strettament il-vot tal-ligi fl-artikolu 382 jimporta n-nullita' tas-sentenza appellata. Dan ghaliex dan-nuqqas jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali fis-sens tal-artikolu 428 (3) tal-Kodici Kriminali. F' kaz simili dan jintitola lil din il-Qorti li thassar is-sentenza appellata. (ara f' dan is-sens l-Appelli Kriminali :** "Il-Pulizija vs. Paul Cachia**"** **[25.9.2003] ;** "Il-Pulizija vs. Joseph Zahra**"** **[9.9.2002];** "Il-Pulizija vs. Benjamin Muscat**"** **[10.7.2002 u  28.6.2002]** "Il-Pulizija vs. Donald Cilia**"** **[24.4.2002],** **"**Il-Pulizija vs.

Mark Portanier**” [14.9.2004]; “**Il-Pulizija vs. John Axiaq et” **[19.5.2005] ;** “Il-Pulizija vs. Stefan Abela” **[2.2.2006] u ohrajn).**

**Illi gie ukoll ritenut li l-indikazzjoni tal-artikolu hazin jew addirittura l-indikazzjoni tal-ligi skorretta hu ekwiparat ma n-nuqqas ta’ citazzjoni tal-artikolu tal-ligi li tahtu tkun instabet htija. (ara “**Il-Pulizija vs. Mario Agius**” [3.2.1995] u ohrajn). F’ dal-kaz, ghalkemm gew indikati artikoli, ma gietx indikata l-ligi li ghaliha jappartjenu dawn l-artikoli w dan jammonta ghall-istess nuqqas.**

**Illi gie ukoll ritenut li l-Qorti tista dejjem tirrileva tali nuqqas “*ex officio*” ghalkemm ma hemm ebda aggravju dwar dan. (ara. App.Krim.** “Il-Pulizija vs. Anthony Zahra” **[26.5.1994]** ; “Il-Pulizija vs. Vincent Cucciardi**” [6.1.2005] u ohrajn)**

**Ghaldaqstant, f’dan l-istadju, din il-Qorti trid *“ex officio*” tannulla s-sentenza appellata w tibghat il-process lura lill-Ewwel Qorti biex jigi rettifikat dan in-nuqqas fis-sentenza appellata li jikkonsisti filli l-Ewwel Qorti ma ddikjaratx taht liema ligi kienet qed issib il-htija.**

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tannulla s-sentenza appellata w, biex ma tipprivax lill-partijiet mill-beneficcju tad-“*doppio esame*”, qed tirrinvija l-atti lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali, sabiex l-appellant jerga’ jitpogga fil-pozizzjoni li kien immedjetament qabel ma giet pronunzjata s-sentenza appellata w biex terga’ tinghata sentenza mill-gdid skond il-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------